**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**David Bugeja**
**Joseph Scerri**

**Kumpilazzjoni Numru: 286/18**

**Illum, 11 ta' Gunju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra David Bugeja detentur tal-karta tal-identita` numru 51371M u Joseph Scerri detentur tal-karta tal-identita` numru 169168M gew akkuzati talli:

Talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe`talli fl-4 ta' Frar, 2018, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija [5.30pm] u/jew hinijiet wara, gewwa Triq Farson Hamrun u/jew f'dawn il-gzejjer ikommettew serq ta' ghodda, flus u/jew oggetti ohra kontanti minn gewwa vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni CCE-265 ghad-dannu ta' Ziyad Hamoud u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa.

Ukoll talli fis-7 ta' Mejju, 2018, ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar [2pm]u/jew hinijiet wara minn gewwa sit ta' kostruzzjoni sitwat fit-Triq Misrah il-Barrieri Santa Venera u/jew f'dawn il-gzejjer, ikkommettew serq ta' cilindru tal-gass ul romblu tal-'membrane' u/jew oggetti ohra ghad-dannu ta' Roderick Psaila, Nicola Farrugia u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputati Joseph Scerri u David Bugeja bhala li saru recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienu misjuba hatja ta' diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

<u>Lil Joseph Scerri wahdu nakkuzah ukoll talli:-</u>

Ghamel reat waqt perjodu ta' sentenza sospiza.

Fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi, kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D) b'digriet datat 16 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu nghata il-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja kif ukoll b'garanzija personali ta' €4,000.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digriet li bih Joseph Scerri inghata il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi mputat u kif ukoll tordna li s-somma indikata bhala garanzija personali, tghaddi

favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet l-ezami taghhom fejn wiegbu hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom fl-ewwel seduta u fejn ikkonfermaw tali ammissjoni anke wara li nghataw zmien opportun sabiex jahsbuha.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 18, 49, 50, 261(b)(c)(g), 263(b), 267, 271, 278(3), 279(a), 280(2), 281(b), 289 u 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati David Bugeja u Joseph Scerri hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Fir-rigward tal-imputat David Bugeja tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Fir-rigward tal-imputat Joseph Scerri tikkundannah ghall-perjodu ta' prigunerija effettiva ghal erbatax (14)-il xahar. Il-Qorti tordna wkoll ir-revoka tad-digriet ghall-helsien mill-arrest moghti fil-konfront tal-imputat u datat sittax (16) ta' Lulju, elfejn u sittax (2016) mill-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona u fl-istess hin tordna l-hlas tal-garanzija personali mposta fuqu fl-ammont ta' erbat elef ewro (€4,000).

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat David Bugeja l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**